**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **5 TA' FRAR 2017**

**Beata Marija Adeodata Pisani OSB**

Illum u għada ser ikollna fostna r-relikwa tal-Beata Marija Adeodata Pisani OSB. Fl-4.00pm ir-relikwa tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn qed inħeġġu li jattendu l-ġenituri sabiex flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju mmexxija mill-*Mothers' Prayer*s għall-bżonnijiet ta' wliedhom. Fil-5.00pm ir-Relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna l-kumplament tas-Sibt u l-Ħadd.

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

**Jum il-Ħajja**

Illum huwa Jum il-Ħajja. Il-Moviment favur il-Ħajja fil-Ġuf se jorganiżża manifestazzjoni Nazzjonali fil-Belt. Din il-manifestazzjoni tagħlaq b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-11.00am.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 7 ta' Frar 2017 **fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Aħdar u Triq l-Ikħal.**

**Kummissjoni Djakonija**

It-Tlieta 7 ta' Frar 2017 fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala San Ġwakkin.

**Festa ta' San Pawl Missierna**

Il-Ħamis 9 ta' Frar 2017 billi huwa lejljiet il-festa ta' San Pawl Missierna, filgħaxija jkollna l-quddiesa tal-5.15pm, fis-6.30pm u fit-8:00pm.

Il-Ġimgħa 10 ta' Frar 2017 il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd u nfakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 ser isir ħarġa organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-Ispiritwalità.

**Pasta Night**

Is-Sibt 18 ta' Frar 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw *pasta night* fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex nattendu u biljetti niksbuhom mis-sagristija. Grazzi.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Is-Sibt 25 ta' Frar 2017 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 11-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm.

**PLYG**

Is-Sibt 25 ta' Frar 2017 il-PLYG qed jorganizaw party tal-karnival fis-Sala Sant'Anna għall-adolexxenti bejn it-12 u 16-il sena mis-7.30pm sal-10.30pm.

**Il-ħajja tal-Beata Adeodata Pisani OSB**

Marija Adeodata Pisani twieldet f'Napli fid-29 ta' Diċembru 1806, l-unika bint il-Baruni Benedittu Pisani Mompalao Cuzkeri, Malti, u Vincenza Carrano, minn Napli. Għammduha fl-istess jum tat-twelid u tawha l-isem ta' Marija Tereża. Is-Sagrament tal-Magħmudija kien amministrat min Don Andrea Schiano, fil-knisja parrokkjali ta' San Marco di Palazzo e Santissimo Sacramento f'Pizzofalcone, fid-djoċesi ta' Napli. Il-Barunija li kienet tmiss lilha kienet dik ta' Frigenuini, li jiġi bejn il-Baħrija u l-Fiddien fir-Rabat, Malta. Għalkemm kienet tgħix Napli, minħabba li missierha kien malti, għall-finijiet legali, Marija Tereża kienet meqjusa maltija, l-eredi tal-Barunija. It-tfulija ta' Tereża ma' kienetx faċli u feliċi: missierha kien jgħaddi ħajja laxka, u meta Tereża kienet għadha ta' ftit xhur il-ġenituri tagħha isseparaw, u kienet in-nanna ta' Tereża li kienet tieħu ħsiebha: il-Barunissa Eliżabetta Mamo Mompalao Pisani. Ta' għaxar snin, Tereża tilfet anke lil nannitha li kienet tieħu ħsiebha u b'hekk Tereża iddaħħlet fl-Istitut tal-bniet mgħaruf bħala *Mamma Prota,* il Collegio Santa Maria dei Miracoli ġewwa Napli. Tereża kienet iddixxiplinata feherm f'dan il-kulleġġ. Kien matul dan iż-żmien li rċeviet l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni.

Minħabba li missierha kien imdeffes f'rewwixta kontra r-Re Ferdinandu I, kien ikkundannat għall-mewt, imma minħabba li kien jagħmel parti mill-Imperu ingliz, kien itturufnat lejn Malta. Meta għalqet sbatax-il sena, Terża irritornat tgħix m'ommha f'Napli sal-1825, meta ġew Malta minħabba li ġewwa Napli risultat ta' dak li kien għamel missierha, ħajjithom kienet diffiċli ħafna. Omma riedet bil-fors iżżewwiġha, imma dan il-pjan la seħħ f'Napli u l-anqas f'Malta.

Kien is-16 ta' Lulju 1828 meta Tereża ddeċidiet li tidħol fil-Monasteru ta' San Pietru mas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura fl-Imdina. Ingħatat l-isem ta' Marija Adeodata. Il-ħajja tagħha kienet tikkonsisti f'Talb, Ħidma, Silenzu u Ubbidjenza. Bdiet tgħin fil-formazzjoni spiritwali tal-istudenti. Il-lingwa dejjem kienet diffikulta' għal Suor Marija Adeodata, għax hi qatt ma kienet tgħallmet il-malti. Biż-żmien pero' tgħallmet titkellem bil-malti għalkemm dejjem baqgħet tikteb bit-taljan.

Kien fl-4 ta' Marzu 1830 li rrinunzjat għall-barunija biex tieħu l-Voti tal-Faqar, il-Kastità u l-Ubbidjenza. Hija ħalliet somma flus biex tmantni lil missierha u anke jitħallas id-dejn li kien għamel. Jidher li sa dan it-tant ommha kienet irritornat lura f'Napli, imma Marija Adeodata xorta waħda ħallitilha sehem mill-wirt. Ħalliet ukoll xi doti għal xi xebbiet foqra li xtaqu jħaddnu l-ħajja reliġjuża, kif ukoll sostenn lil seminaristi fqar. Id-djar u l-artijiet li kellha kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex tħallew lill-Monasteru. Marija Adeodata qatt ma semmiet xejn dwar il-ġenituri tagħha fil-kitbiet tagħha.

Meta għażluha bħala Abbatissa tal-Monasteru, fl-1851, hija mexxiet b'għaqal u prudenza u wettqet anke xi riformi meħtieġa biex is-sorijiet jgħixu l-ħajja reliġjuża benedittina aħjar. Kienet xempju ħaj tal-virtujiet insara u reliġjużi. Irrinunzjat mis-servizz tagħha ta' Abbatissa fl-1853 minħabba l-mard li kellha. Mietet fil-Monasteru ta' San Pietru fl-Imdina fil-25 ta' Frar 1855, meta kellha 48 sena.

Il-Kawża għall-Beatifikazzjoni kienet bdiet fis-sena 1892, imma fl-1913 kienet twaqqfet minħabba li ma' kienx hemm fondi biżżejjed biex titkompla. Imbagħad reġgħa tqajjem l-interess fl-1989 u fid-9 ta' Mejju 2001 kienet ddikjarata Beata mill-Papa San Ġwanni Pawlu II.